# KARLO DARMANIN U L-BELT PINTO

Minn
**CARMEL BIANCHI**

Kieku wieħed kellu jikteb dwar l-istatwarju Karlo Darmanin u x-xogħlijiet tiegħu, il-fuljett "BEJNIETNA" ma kienx ikun biżżejjed. Imma f'dan il-ftit spazju, ser naraw min kien Karlo Darmanin u xi opri li ħallielna fil-Belt Pinto. Kull min hu midħla tal-festi u jżur il-knejjes żgur li jiltaqa' ma statwa minn tiegħu. Bil-kapaċita ta' jdejh u frott sengħetu, ħallielna bosta teżori mxerrdin mal-Gżira tagħna. U fost il-vari titulari tiegħu, tajjeb li nsemmi l-istatwa tas-Salvatur ta' Ħal Lija. Din kienet iżżanżnet għall-ewwel darba nhar il-5 t'Awissu, 1864.



Karlo Darmanin ħdejn xogħol tiegħu. Wara l-istatwarju jidher l-abbozz ta' qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ.

Ritratt bil-kortesija tal-Mużew tal-Katidral, Mdina.

B'xorti tajba, il-Parroċċa tagħna, wkoll imżejna b'opri ta' Karlo Darmanin. U l-kittieb Faure fil-ktieb tiegħu, "Storja ta' Malta u Għawdex" IV volum f'paġni 1129 – 1131 isemmi x-xogħol ta' Karlo Darmanin. Fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa tagħna, li tant tgawdi popolarità fi gżiritna, wkoll insibu xogħol tiegħu. Dawn huma d-Duluri u San Ġwann tal-Vara l-Kbira. It-tradiment ta' Ġuda, li din tiġbed l-ammirazzjoni ta' bosta li jżuru l-purċissjoni, għal espressjon fl-uċuh ta' Kristu lejn Ġuda. Din il-vara sabiħa saret fis-sena 1903. F'din il-purċissjoni naraw ukoll lil Veronika, dik il-mara li xxuttat wiċċ Kristu. Hawn Karlo Darmanin ukoll wera l-ħila tiegħu. L-istatwa tal-Veronika damet tidher fil-purċissjoni sas-sena 1964. U billi kienet figura waħidha, kiensar xi tibdil. Il-vari l-oħra tal-Ġimgħa l-Kbira fejn kien hemm personaġġ wieħed żdiedu l-figuri. Sintendi t-tibdil sar minħabba xi ħsarat fl-istatwi wkoll. Għal Veronika, statwa hekk sabiħa, ġie mqabbad il-Kav. Alfred Camilleri Cauchi biex żied xi personaġġi magħha. L-istatwa tal-Veronika reġgħet bdiet tidher mill-ġdid fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tas-17 t'April, 1981.

Fil-Parroċċa tagħna, nsibu żewġ statwi oħa ta' Karlo Darmanin. Hemm dik tal-Madonna tar-Rużarju Mqaddes li saret fis-sena 1860 u dik tal-Kunċizzjoni li saret fis-sena 1890.

L-altar tal-Madonna tar-Rużarju, ukoll insibuh imżejjen b'xogħol ta' Darmanin. Qiegħed nirreferi għal istatwa ta' Santa Konsolata Verġni Martri li saret fis-sena 1863. Fl-1860 it-Tereżjan Patri Salv Żarb kien irregala l-għadam ta' din il-qaddisa, lil Knisja ta' San Ġorġ. Tlett snin wara, ġie mqabbad dan l-istatwarju biex jiġbor dan l-għadam biex jitqiegħed ġo l-istatwa. Karlo Darmanin għal din l-istatwa ta' Santa Konsolata kien ħa s-somma ta' 150 skud. U l-kittieb Qormi

Karmenu Psaila fil-ktieb tiegħu, "Il-Knisja Arċimatriċi Ta' Ħal Qormi" f'paġni 62 u 63 igħidilna li l-ispejjeż tħallsu minn Dun Ġużepp Abela mlaqqam, (Ta' Tajjara) li dak iż-żmien kien il-prokuratur ta' l-altar tar-Rużarju. It-Transulazzjoni kienet saret nhar is-27 ta' Settembru 1863 mill-Knisja ta' Santa Katerina għal Parroċċa ta' San Ġorġ.

U jekk Santa Konsolata żejnet l-altar tar-Rużarju, kemm aktar iżżejjen l-altar maġġur tul iż-żmien ta' l-Għid il-Kbir l-anġlu tal-blandun. Xi ġmiel! Xi ħlewwa ta' wiċċ irnexxielu jagħmel l-istatwarju. Biżżejjed ngħidilkom, li f'Ħal Qormi hemm min, li biex ifisser ruħu għal xi mara jew tfajla ħelwa, jgħidlek, "Għandha wiċċha ħelu daqs l-anġlu tal-blandun." Mur ġib lil Karlo Darmanin jisma lil min jgħid hekk...Kemm jitpaxxa!

Xogħol ieħor ta' dan l-istatwarju, nsibuh iżejjen it-toroq fil-jiem tal-festa kbira tagħna. Fuq iz-zuntier tal-knisja naraw lil missier San Ġorġ u n-naħa l-oħra l-ommu flimkien ma San Ġorġ meta kien żgħir. Imbagħad ftit aktar l-isfel miz-zuntier, ħdejn il-każin tan-nar, ikun hemm il-kuruna. Kemm ikunu ħelwin dawk l-erba' anġli xogħol Karlo. Dawn l-anġli jżommu t-terħa li tkun imwaħħla mal-kuruna. X'atmosfera sabiħa jkun hemm meta l-istatwa ta' San Ġorġ tasal taħt din il-kuruna. F'ħin minnhom jiftħu l-kuruna u jibdew niżlin, jittajjru ħelu, ħelu għadd ta' sunetti, poeżiji u innijiet. Niftakar li s-sena l-oħra, poeżija tiegħi li ġġib l-isem, "Lil San Ġorġ Martri" hi u tittajjar mil-kuruna, niżlet u weħlet ħdejn riġlejn San Ġorġ. Din il-poeżija, damet imwaħħla tul it-triq kollha sakemm l-istatwa daħlet il-knisja.

Xogħol ieħor sabiħ ta' dan l-istatwarju narawh fil-jiem tal-festa fuq il-pedestall li jkun fuq il-palk. Din hija l-istatwa tal-25 Granmastru ta' Malta li kien laħaq nhar it-18 ta' Jannar 1741. Qiegħed nirreferi għal Gran Mastru Manoel Pintode Fonseca, li nhar il-25 ta' Mejju, 1743 kien ta lil Ħal Qormi t-titlu ta' BELT PINTO. Din l-istatwa ta' Pinto żżanżnet f'April ta' l-1893.

Ftit il-bogħod minn dan il-palk, insibu statwi oħra ta' Darmanin. Dawn huma qtugħ ir-ras ta' San Ġorġ u l-oħra li tkun armata faċċata ta' din l-istatwa li tirrapreżenta lil San Ġorġ quddiem Diokleżżjanu. Nimxu ftit ieħor. Mhux il-bogħod wisq minn dawn l-istatwi li semmejt, naraw statwa oħra ta' dan l-artist. Fuq pedestall għoli maħdum b'sengħa kbira, hemm tiddomina l-prinċipessa.

Bħal ma diġà għidt fil-bidu, mhux faċli tiddeskrivi l-kapaċità kbira ta' Karlo Darmanin fi ftit kliem. Hawn fil-Belt Pinto, għandna x-xorti li ngawdu xi opri minn tiegħu. U tkun ħaġa wisq xierqa li wara li rajna u għedna dwar xi xogħlolijiet ta' dan l-istatwarju, naraw min kien.

Karlo Darmanin twieled l-Isla fit-30 t'Awissu, 1825 minn Ġużeppi u Marija Cumbo. Tgħammed l-għada fil-31 t'Awissu minn Dun Fortunat Costù Viċi Parroku u Dekan fi żmien l-Arċipriet Leopoldu Fiteni. Meta żżewweġ lil Annetta xebba Ready, mar joqgħod il-Ħamrun fid-dar numru 290, Triq San Ġużepp. Sintendi meta ġie joqgħod il-Ħamrun, għamel l-'istudio' tiegħu hemmhekk. Kien fl-10.15 ta' bil-lejl tal-25 ta' Novembru, 1909 meta Karlo Darmanin magħruf bħala Karlozzu, ħalla dan il-wied tad-Dmugħ. Huwa miet fid-dar tiegħu l-Ħamrun fl-eta ta' 84 sena. Huwa kien it-80249 katavru li ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Id-difna saret fit-8.00 ta' fil-għodu tas-27 ta' Novembru 1909, f'wieħed mill-oqbra tal-Konfraternità tas-Santissima Trinità ta' l-Isla. Il-qabar qiegħed Div. Punente, Sezzjoni K. Kompartamento A. numru tal-qabar 67. Mal-mewt ta' Karlo Darmanin, Malta tilfet statwarju magħruf u ta' ħila kbira.